- ***NULLITA' TA' CITAZZJONI –***
- ***INTERESS TAL-MINURI –***
- ***PREZENZA TA' MINURI F'KAWZA –***
- ***CHILD'S ADVOCATE -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' April, 2002**

**Kawza Numru: 37**
**Citazzjoni Numru: 251/01/RCP**

**James Demanuele**

**vs**

**Elena Maria Felice**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi l-attur hu missier il-minuri li jisimha Dianira u l-konvenuta persistentement tirrifjuta li taghti access lill-missier u dan taht skuza jew ohra;

Illi l-attur ipprova jottjeni d-digriet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jigu salvagwardjati l-ahjar interess tal-minuri illi jkun hemm access ghall-missier pero' dik il-Qorti ordnat illi l-partijiet kellhom jipprocedu fil-kontenzjuz.

Illi huwa xieraq u fl-interess tal-minuri Dianira illi jkollha kemm access ghall-omm u kemm ghall-missier;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara illi ghandu jkun access ghall-missier u tiffissa il-modalitijiet ta' l-access u f'nuqqas illi jkun hemm osservanza minn issa taghti ordni lill-Pulizija biex jassistu lill-attur fl-esekuzzjoni tad-drittijiet u obbligi illi jinholqu mid-decizjoni ta' din il-Qorti dwar l-istess access.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tal-11 ta' Mejju 2001 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 15 ta' Marzu 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-23 ta' Awissu 2001 a fol. 17 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi u dan *stante* li l-effetti tat-talbiet kif imposti minn l-attur jolqtu b'mod dirett lill-minuri Dianira Demanuele u kif jidher fic-citazzjoni odjerna l-imsemmija minuri la hija parti mill-kawza u lanqas ma gew mitluba jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-istess minuri.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex fl-ahjar interess tal-istess minuri 'n kwistjoni li jiltaqa' ma l-attur u dan kif tajjeb iddegretat precedentement is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u anke kif jirrizulta fil-mori tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 18 sa 19 tal-process.

Rat l-verbal tal-25 ta' Settembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni fuq l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2001, 7 ta' Frar 2002; 20 ta' Frar 2002; 6 ta' Marzu 2002 u 20 ta' Marzu 2002 fejn id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghat-30 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir mill-attur *stante* li qed jitlob li jinghata access sabiex jara lill-minuri Dianira li allegatament hija bintu stante li qed isostni li qed jigi mcahhad mid-dritt tieghu ghall-access tal-istess minuri mill-konvenuta, omm l-istess minuri, u wkoll peress li huwa qed jghid u jallega li huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri li hija tithalla jkollha access minn missierha.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta apparti li ssostni li fil-meritu ma huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li tali access jigi akkordat, preliminarjament eccepiet ukoll in-nullita' tac-citazzjoni attrici *stante* li l-minuri ma hijiex parti fil-kawza u lanqas giet mitluba l-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-istess minuri.

Illi proprju fuq din l-eccezzjoni preliminari fejn qed tigi eccepita n-nullita' tac-citazzjoni attrici minhabba in-nuqqas tal-prezenza tal-minuri fil-kawza li din id-decizjoni tikkoncentra u fil-fatt din is-sentenza hija limitata ghal din l-ewwel eccezzjoni skond il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2002.

Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza stabbilita' li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi u dan *stante* li kif intqal fis-sentenza **"Ignatius Licari vs Anthony Cassar"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2001):

*"Il-ligi nostrana titkellem car meta citazzjoni ghandha tigi dikjarat nulla.* ***L-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*** *jistipula illi:*

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Illi din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha l-opportunita' li tidhol *a funditus* f'dan is-suggett u ghas-skans ta' repetizjoni tirrileva biss dak li gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali u cjoe' is-segwenti:

Illi biex "*citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx deficjenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu u sabiex dan isir tali citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha" (***Guillaumier Industries Ltd vs Reginald Fava et*** – deciza fit-28 ta' Ottubru, 1998 (Cit. Nru. 831/97RCP).*

Illi *inoltre*, skond is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"*** deciza fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi *"bhala regola, skond il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja*

*sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza"* (**"Aquilina vs Cassar"** – Vol. LXXVI.iv.666).

Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-**Att XXIV tal-1995**, huma mmirati proprju ghalhekk, ghaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantiv tal-kawza, u dak huwa dak li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu.  Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan *entro* l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat.

Illi ghalhekk l-ebda principju ta' gustizzja ma ghandu jhalli id-dritt procedurali jiehu s-sopravent fuq id-dritt sostantiv, b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva ezekuzzjoni u implimentazzjoni tal-gustizzja skond il-ligi (*vide* **"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999 (P.A. (RCP) Cit. Nru. 1998/97).

Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza ricenti **"Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et"** (P.A.Kost. (JRM) 9 ta' Ottubru 1991. Rikors Numru 6/01/JRM) fejn inghad illi:

*"Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtella' taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur ta' forma preskritta (**"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri"** – P.A. (C.S) 4 ta' Novembru 1988)".*

*"Illi, mal-medda tas-snin, issawret it-tejorija maghrufa bhala 'tal-ekwipolenti' li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega l-ebda ghamla tassattiva ta' forma ghall-propozizzjoni ta' azzjoni (**"M. Muscat nomine vs Dr. J. Cassar et nomine" –** P.A. 9 ta' Marzu 1965 – XLIX.ii.809) b'mod li citazzjoni ghanda titwaqqa' biss ghal ragunijiet gravi (**"R. Merola proprio et vs S. Caruso"** – A.C. 20 ta' Frar 1935 – XXIX.i.106)".*

*"Illi jinghad ukoll li fil-kaz ta' nullita' fejn hemm ksur ta' forma mehtiega, il-ligi tipprovdi (artikolu 789 (1) (c)) li din l-eccezzjoni tintlaqa' fejn, ghalkemm il-ksur ma jkunx taht piena ta' nullita', ikun gab lill-parti li ressqet l-eccezzjoni pregudizzju li ma jistax jitnehha jekk mhux billi l-att jigi annullat".*

Illi f'dik l-istess sentenza citata l-Qorti rreferiet ghall-**Artikolu 164 tal-Kap 12** fejn hemm indikat li l-azzjoni ghanda tingieb 'il quddiem permezz ta' citazzjoni, u jekk ma jsirx dan l-azzjoni hija nulla, u ghalhekk ladarba hija l-ligi stess li tiddikjara n-nullita' tal-istess att, huwa ovvju li n-

nullita' tapplika ghaliex espressament sancita' mill-istess Legislatur, u in omagg tal-principju li *"l-harsien tal-procedura huwa garanzija li r-regoli tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jkunu disponibbli ghal kulhadd indaqs u maghrufa u mhaddmin bla distinzjoni"* **("J.Galea vs Kmandant tat-Task Force" –** A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – LXXXII.ii.543).

Illi fis-sentenza **"Patrick Staines vs Paul Tabone"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2001) inghad li:

*"In-nullita` ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali".*

Infatti l-prassi odjerna mill-Qorti nostrana, anke in vista tal-emendi maghmula bl-**Att XXIV tan-1995**, inkluz dawk kontenuti fl-**Artikolu 175 tal-Kap 12,** hija li:

"*Il-formalizmu esagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh"* (**"Charles Fino vs Alfred Fabri noe"** – Appell 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement "*l-atti ghandhom jigu salvati anzi che` annullati jew dikjarati nulli*" (**"Dr Joseph Ellul vs Jos. G Coleiro"** – Appell 24 ta' Jannar 1964).

Illi dawn il-principji gew ukoll applikati minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi "**Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et**" (Cit. Nru. 831/87/RCP – 28 ta' Ottubru 1998) u f' **"Perit Vincent Cassar noe et vs Nicholas sive Lino Debono et"** – (Cit. Nru. 1217/98/RCP – 22 ta' Marzu 2000), u dan hekk ghandu jkun jekk verament irridu li kull cittadin jkollu access lejn il-Qorti biex jiehu l-gustizzja reali li jixraqlu.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jidher li l-azzjoni odjerna hija ezercizzju *da parte* tal-attur sabiex jezercita id-dritt ta' access tieghu bhala missier fil-konfront tal-minuri msemmija u din l-azzjoni giet istitwita kontra l-omm l-istess minuri *stante* li qed jallega li l-konvenuta, li jidher li ghandha l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, qed timpedilu dan l-istess access.

Illi huwa ovvju li sabiex jigi deciz il-mertu ta' din l-azzjoni, apparti d-drittijiet u obbligi tal-kontendenti, bhala l-genituri tal-istess minuri, din il-Qorti ghandha thares lejn l-interess massimu tal-istess minuri, pero' minn dan sabiex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-istess minuri ghandha tkun parti fil-kawza, ghalkemm desiderabbli, hemm bahar x'jaqsam, *stante* li fil-legislazzjoni attwalment *in vigore* dan id-dritt proprju tal-istess minuri ma jezistix.

Illi bizzejjed wiehed isemmi li dan l-interess tal-istess minuri fil-**Kodici Civili** huwa msemmi biss fl-isfond ta' proceduri ta' separazzjoni, u dan kemm fl-ambitu ta' dawk *pendente*

*lite* skond id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 47,** u kemm fil-kuntest tas-sentenza ta' separazzjoni kif provdut fl-**Artikolu 60 tal-Kap 16.**

Illi fil-fatt jista' jinghad li *nonostante* r-ratifikazzjoni tal-**Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal** ratifikata minn Malta fit-30 ta' Novembru 1990 li skond **Artikolu 12** tal-istess taghti lill-ulied id-dritt li jesprimu l-opinjoni taghhom ladarba huma kapaci li jaghmlu dan u anke d-dritt li jigu mismugha mill-istess organi gudizzjarji u amministrattivi fi proceduri li jaffetwaw lilhom, dan ma jfissirx li huma *sine qua non* ghandhom jifformaw parti mill-kawza, u lanqas li n-nuqqas taghhom iwassal ghan-nullita' tal-istess atti.

Illi fil-fatt *nonostante* l-pozizzjoni tal-ligi, u fin-nuqqas ta' dispozizzjonijiet *ad hoc* fuq il-prezenza tal-istess minuri fil-kawzi, specjalment f'kawzi fejn direttament jikkoncernawhom, bhal dik odjerna, il-prassi f'dawn il-Qrati kemm ta' gurisdizzjoni kontenjuza u kemm volontarja hija l-istess Qrati minn jeddhom jaghtu s-smiegh lill-istess minuri, kemm b'mod formali u kemm b'mod informali, pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti hemm bzonn ta' att legislattiv *ad hoc* sabiex l-interess tal-istess minuri jigi protett *ut sic* u jigi kkunsidrat indipendentement mid-drittijiet tal-genituri ghall-kura u kustodja jew access tal-istess, u dan l-iskop jista' jintlahaq ukoll bl-istituzzjoni ta' avukat ghall-minuri *(child advocate)* li mhux biss jaghti *locus standi* lill-istess minuri, izda jipprovdi access lill-istess minuri ghall-organi

gudizzjarji u amministrattivi tal-pajjiz indipendentement mill-istess genituri tieghu.

Illi fil-fatt id-drittijiet tat-tfal huma mxerrda ma diversi atti fosthom l-istess Kodici Civili u l-unika artikolu li jikkoncernaw ir-rappresentanza tal-istess minuri huma dawk tal-azzjoni ta' *denegata paternita'* skond l-**Artikolu 75 (1) Tal-Kap 16;** fuq l-adozzjoni fejn skond l-**Artikolu 120** jigi appuntat kuratur specjali ghall-istess minuri suggett ghal tali proceduri; fl-accettazzjoni ta' eredita' li tispetta lill-minuri skond l-**Artikolu 137 u 139 tal-Kap 16;** dwar kif tispicca is-setgha tal-genituri u l-effetti taghha skond l-**Artikolu 15;** fuq it-tutela skond l-**Artikolu 169,** u skond l-**Artikolu 233** fuq kurazija tat-tfal minuri ta' l-assenti.

Illi minn dan jidher li l-prezenza tal-ulied bhala parti mill-kawza ma hijiex essenzjali fl-ordinament guridiku nostrali, u allura in-nuqqas tal-istess fl-istess kawza ma jista' qatt iwassal ghan-nullita' ta' citazzjoni jew il-proceduri *in corso;* dan ma jfissirx li ma tistax tintalab jew tigi ordnata l-kjamata in kawza tal-istess, specjalment jekk l-interess tal-minuri jkun differenti, kif hafna drabi jista' jkun u jkun, minn dak tal-istess genituri, u anke jistghu jigu nominati kuraturi *ad hoc* sabiex jirraprezentaw lill-istess minuri, u dan aktar u aktar fin-nuqqas ta' dispozizzjoni *ad hoc* fil-ligi taghna li tista' tipprovdi ghall-istess.

Illi pero' dan huwa diskors differenti minn dak li jikkoncerna is-soluzzjoni tal-kwistjoni odjerna, ghalkemm ma hemmx

dubju li hemm bzonn intervent b'ligi sabiex jipprovdi ghall-istess, u ghar-rigward tal-eccezzjoni li llum qed tigi trattata, jirrizulta li din hija ghal kollox bla ebda fundament guridiku, kemm fl-isfond tal-ligi kif inhi llum u kemm ukoll fl-isfond tan-nullita' eccepita, *stante* li l-ebda nullita' ma tista' tinkonkorri jekk ma hemm l-ebda ksur ta' regola tal-procedura, fejn addirittura l-ligi ma ssemmi xejn dwar il-prezenza tal-istess minuri f'kawzi ta' dan it-tip, u fil-fatt l-konvenuta ma rreferiet ghall-ebda artikolu in partikolari.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda *stante* li hija kompletament bla ebda bazi legali jew fattwali.

**III. KONKLUZJONI**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-ewwel eccezzjonijiet tal-konvenuta** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' April 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' April 2002**